MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru. 391/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**CARMEL PACE bin Emanuel u Mary nee' Borg, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 1962 u residenti 57A, Triq Trux, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 432562M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **CARMEL PACE** bin Emanuel u Mary nee' Borg, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 1962 u residenti 57A, Triq Trux, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 432562M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-Tnejn, tmienja [8] ta' Mejju 2006 ghal

habta tat-tmienja u kwart ta’ fil-ghaxija (20:15hrs) fi Triq Dun Karm Cachia, Zebbug, Ghawdex:-

1. kiser il-bon ordni u/jew il-paci pubblika bl-ghajjat u glied.

2. aktar talli hebb ghal Giuseppa Formosa u kkagunalha ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Martin Cutajar MD.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Lulju 2006 li kien qed jobbliga ruhu li ma jimmolestax lil Giuseppa Formosa.

Semghet lil Giuseppa Formosa tiddikjara fl-istess seduta tal-ghoxrin ta’ Lulju 2006 li kienet qed tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li in vista ta’ din d-dikjarazzjoni ta’ Giuseppa Formosa mhux ser tressaq xhieda ohra f’dan il-kaz.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat CARMEL PACE hati tal-ewwel [1] akkuza stante li ma gietx ippurvata b’mod sodisfacenti u tilliberah minnha, filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni [2] akkuza stante rinunzja da parti ta’ Giuseppa Formosa fil-konfront tat-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------